## XOGĦOLIJIET MINN-MEMBRI TAL-GĦAQDA TAGĦNA PUBBLIKATI DAN L-AĦĦAR

*Dawn li ġejjin huma kotba li waslu għand l-editur:*

**Jaccarini, Dr. Carol J.** IR-RAZZETT - THE MALTESE FARMHOUSE 1998

Dan il-ktieb huwa l-ewwel wieħed pubblikat li jiġbor fih dawk id-dettalji kollha li niltaqgħu magħhom fil-bini tal-kampanja tagħna. Min iħares sewwa bl-iskop li jifhem u mhux biss jara u jibqa għaddej, jinduna b'ħafna dettalji fl-arkitettura tal-bini popolari bħalma huma l-irziezet u djar ta' l-imgħoddi. Il-ktieb ta' 140 paġna huwa mimli b'ritratti li juru dak kollu li nistgħu niltaqgħu miegħu f'Malta u Għawdex, taħt dan is-suġġett. għalhekk dan huwa mhux biss xogħol ta' referenza għal bosta studjużi, iżda wkoll inqisu bħala repożotorju li fih jibqgħu merfugħin il-kurżitajiet li hemm fil-bini tal-kampanja, ukoll jekk sfortunatament bosta minnhom ikunu destinati li jispiċċaw għal dejjem. Fost dak li nsibu riċerkat u illustrat f'dan il-ktieb hemm mhux biss irziezet, giren u gallariji tal-ġebel, imma wkoll il-karatteristiċi partikolari ta' toqob għax-xita, turġien. ħitan, mġiebaħ, arkati, mxatar, mrabat, ħarriġiet, kmamar differenti fid-dar u r-razzett, mħażen, mtieħen tal-miexi, barumbari, soqfa, bjar, bibien u twieqi, nemmisiet u muxrafa, niċeċ u arloġġi tax-xemx, u dak kollu li jagħti skop għal ħarġa interessanti fil-kampanja.

**Gatt, Ġużi** QIEGĦDA FIL-PONTA TA' LSIENI 1999

Is-sotto titolu ta' dan ix-xogħol huwa "Għajnuna għal min jixtieq isib il-kelma t-tajba fi lsienu meta jiġi bżonnha". Pubblikat mill-Fondazzjoni Wirt Artna. Minflok issib dizzjunarju alfabetiku kif normalment wieħed jistenna jekk irid ifittex kelma, hawn għandna għadd ta' kapitli kull wieħed jiġbor suġġett wieħed, biex jekk trid issib kelma li għandha x'taqsam miegħu, u ma tafx x'inhi tista' tiltagħa magħha u bil-għajnuna tal-kuntest li fih tinsab, tkun taf aktar dwarha u kliem ieħor relatat magħha. Il-kapitli jittrattaw, fost aspetti oħrajn, dwar il-ġeoloġija ta' pajjiżna, arkitettura rurali, astronomija, temp, sajd, biedeja, strumenti mużikali tradizzjonali, bini u l-kumplament. Il-kliem prinċipali ta' kull taqsima, jinsabu miġburin skond is-suġġett f'miklem jew glossarju fl-aħħar tal-ktieb. Fl-opinjoni tiegħi, il-kapitlu dwar l-istrumenti tradizzjonali Maltin huwa l-aktar wieħed oriġinali u riċerkat, almenu l-aktar wieħed li jikkontribwixxa għall-aspett folkloristiku.

**Chetcuti, Ġużè** GHAR HASAN U HREJJEF OHRA 1998

Ġa kien ħareġ ieħor qablu jismu "Hrejjef ta' Ġaħan u Stejjer Oħra", Dawn iż-żewġ kotba huma għażla maqlub a għall-Malti mill-oriġinal ta Aldo Farini "Fiabe, Tradizioni e Leggende Maltesi" li ħareġ fi tliet volumi fis-snin tletin. Għalkemm Għar Hasan jidħol taħt leġġendi u mhux ħrejjef, it-titolu jindika li l-ktieb jiġbor fiħ mhux biss ħrejjef, iżda wkoll leġġendi, fosthom, minbarra dik ta' Għar Hasan, hemm ukoll ta' L-Isperannza u tal-Maqluba, minbarra oħrajn Pawlini. Stampat b'ittri kbar, għandi naħseb mhux biss biex iħajjar lit-tfal, imma wkoll biex jistgħu jaqrawh in-nanniet lit-tfal, bħalma kienu jagħmlu fl-imgħoddi. Kotba ta' dan it-tip hemm bżonnom, fi żmien meta ż-żagħżagħ tagħna huma aktar proficjenti dwar dak li hu barrani milli lokali.

KIEFER ID-DESTIN MA' NINA ROŻA 1999 Din in-novella tiżvolġi fis-snin ta' qabel it-Tieni Gwerra Dinjija, fi sfond ta' kwistjonijiet soċjo-politiċi meta kien hawn il-kwistjoni tal-lingwa. F'dan il-ktieb hemm diversi episodji interessanti, ukoll bi sfond tal-ħajja fil-Fontana u esperjenzi ta' l-awtur.

**Lanfranco, Guido** L-ISTORJA TAT-TRASPORT F'MALTA 1999

Dan huwa l-ewwel ktieb minn madwar sittin wieħed li se jidhru f'sensiela imsejħa "Kullana Kulturali". Huwa l-ewwel wieħed li jiġbor fih l-aspetti kollha tat-trasport fil-gżejjer tagħna. Dan ix-xogħol kellu l-bidu tiegħu meta fl-1981 l-awtur kien organiżża wirja dwar l-istorja tat-trasport għall-Għaqda Storika ta' Malta.

STATWI TITULARI U L-ISTATWARJI TAGĦHOM 1999

Dan il-ktieb oriġina mill-1984, meta l-awtur organiżża wija dwar l-istatwi titulari f'Malta u Għawdex għall-istess Għaqda Storika ta' Malta. Minbarra dettalji dwar il-vari titulari tal-knejjes parrokkjali u oħrajn, jagħti wkoll informazzjoni dwar statwearji Maltin li ħadmu dawn l-istatwi titulari. Sfortunatament, bil-għaġġla ediotorjali, fit-taqsima tar-ritratti bil-kulur, tħallew barra dawk taż-Żebbuġ u tax-Xagħra t'Għawdex, filwaqt li dawk tal-Kunċizzjoni tal-Hamrun u t-tnejn tal-Kunċizzjoni ta' Bormla ddaħħlu oħrajn flokhom; madankollu fit-taqsimiet relevanti jidhru sewwa, għalkemm mhux bil-kulur.

*Qed inġibu hawn fil-qosor informazzjoni dwar kotba ohra minn membri tal-Qhaqda, ghalkemm dawn ma ntbaghtux lill-editur:*

**Cassur PuUicino, Ġuże** MALTESE ORAL POETRY AND FOLK MUSIC 1998

L-awtur huwa President Onorarju u wiehed mill-fundaturi tal-Għaqda taghna. Dan il-ktieb maqsum fi tnejn; 1-ewwel parti minn Guże Cassar Pullicino hija dwar 1-għana u 1-melodija Maltija u dak kollu assoċjat maghha, bħal vokabularju, għajjat tal-bejkjiegha, parata, Maltija, eċċ. Issir referenza għal xi kitbiet li deheru f L-Imnara. It-tieni parti minn Charles Camilleri tittratta dwar mużika bbażata ftiq 1-ewwel parti.

**Ragonesi,** Anita MALTESE FOLKSONG "GHANA" A BIBLIOGRAPHY AND RESOURCE MATERIAL 1999 Ghandu titolu wkoll bil-Malti ghax il-materjal huwa preżentat biż-żewġ ilsna. Dan il-ktieb huwa editjat minn **Gorg Mifsud Chircop** li reċentement kiteb diversi kotba ta' studji folkloristiċi, bħal MANWEL MAGRI - ĦREJJEF MISSIRIJIETNA, IL-PRASPAR MIKTUBA MINN DUN XAND CORTIS, ĠAĦAN U HREJJEF OĦRA, Eċċ. u ghandu jikteb ukoll dwar il-folklor fis-sensiela Kullana Kulturali msemmija aktar qabel, minbarra li qed jieħu hsieb il-Festival Nazzjonali ta' I-Ghana le beda jsir fl-1998. Fil-bibljografija ta' Anita Ragonesi hemm referenza ukoll ghal xi kitbiet f L-Imnara.

Minbarra dawk li semmejna, fil-Ghaqda Maltija tal-Folklor hemm mhux biss membri kittieba ta' artikoli li deheru f L-Imnara (ara lista tal-artikoli kollha f L-Imnara numru 21), imma kittieba ta' għadd kbir ta' artikoli fil-gażżetti u 1-gornali bhal **Joseph C. Camilleri,** u ohrajn lippubblikaw kotba bhalma huma **Karmen Mikallef Buhaġar** (li b'Oliver Friġġieri bħala editur, ippubblikat 1-ittri li kien jiktbilha Dun Karm Psaila), **Rafel Bonnici Cali** (folklor), **Karmenu EHul Galea** (trejunjoniżmu), **Joseph F. Grima** (storja; u se jikteb dwar Żmien il-Kavallieri fil-Kullana Kulturali), **Dr. Albert Ganado** (mapep, storja), **Dr. George Zammit Maempel** (paleontoloġija. ġeoloġija, storja), **Alfie Guillaumier** (bliet u rhula), **Joc Velia Bondin** (li minbarra li kiteb serje ta' programmi dwar 1-ghana folkloristiku Malti fuq il-PBS, se jikteb ukoll dwar il-Mużika fil-Kullana Kulturali), **John Sciberras** (proża, poeżija, epigrammi), **Joseph Sciberras** (proZa u poczija).

*Nota; L-editur dejjem lest ikun Jafb'xi pubblikazzjonijiet mill-membn taghna, u wkoll ikun lest jagħmel reċensjoni ta' dawk li Jirċievi.*